**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 06/12(26_06_12).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Ġunju 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fid-19 ta' Ġunju 2012.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Offerti MXR/003/2011 – Proġett Pjazza tal-Knisja.
6. Il-Proġett ta' Pavimentar Tal-Ponta/Passaġġ tal-Kantra.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
8. Rapport dwar il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
12. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 18/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 33851 rigward l-ammont tal-kontijiet tat-telefon, linja linja, li kull Kunsill Lokali għandu għas-sena 2010, 2011 u sal-31 ta' Marzu 2012.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 19/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 34124 rigward il-*Playing Fields* li għandhom CCTV *System* operabbli.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 20/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 34254 rigward impjegati li jiġu minn xulxin li jaħdmu flimkien fl-istess Kunsill.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 21/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Proċedura addottata għat-Tweġibiet għal Mistoqsijiet Parlamentari'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 22/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Ħsarat jew Ilmenti lill-Enemalta u Proposti għal Lampi Ġodda'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 23/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 34881 rigward talbiet minn Kunsilli Lokali, bejn April 2011 u April 2012, biex jiġu stabbiliti *parking areas* bi ħlas fil-lokalitajiet tagħhom.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 24/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 35500 rigward il-Kunsilli Lokali li kitbu lill-Awtoritajiet kkonċernati rigward it-toroq li qatt ma saru fil-lokalitajiet tagħhom u li l-Gvern Ċentrali hu responsabbli għalihom.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 25/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Kontroll fuq il-Firxa tal-Bumunqar l-Aħmar'.

2.09 Il-Kunsill irċieva Memo 26/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'European Mobility Week – Car Free Day 2012. Kompetizzjoni għall-Kunsilli Lokali: Moving in the Right Direction!'.

2.10 Il-Kunsill irċieva Memo 27/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Korsijiet *Lifelong Learning* 2012-13'.

2.11 Il-Kunsill irċieva Memo 28/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 35780 rigward jekk il-Kunsilli Lokali humiex intitolati li jipprovdu xi forma ta' permessi jew xi forma ta' kunsens lil dawk li japplikaw biex joħorġu imwejjed, siġġijiet u umbrelel fuq art tal-Gvern fil-lokalita' tagħhom.

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-i*Schemes Unit*, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Skema ta' finanzjament għall-attivitajiet kulturali – Memo 65/2011'.

2.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-MEUSAC dwar is-servizzi li joffri lill-Kunsilli Lokali, agura li l-koperazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u l-MEUSAC tkompli tissaħħaħ u li ser jagħtuna l-assistenza kollha meħtieġa.

2.14 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand in-National Statistics Office – Malta rigward 'Stħarriġ dwar il-Kompożizzjoni tal-Iskart Muniċipali', bejn it-23 t' April u t-28 t' April 2012.

2.15 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Fondazzjoni OASI rigward il-proġett 'Young People in Gozo – a study 2'.

2.16 Il-Kunsill irċieva mingħand ir-Reġjun Għawdex il-Minuti tal-Laqgħa Nru. RGĦ 18/12 li saret fid-29 ta' Marzu 2012.

2.17 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kummissarju għat-Tfal rigward 'Rights 4 U' – Kors dwar id-Drittijiet tat-Tfal u Żgħażagħ.

2.18 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 21/2012 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li hija rigward 'Laqgħa għas-Sindki – 25 u 26 ta' Mejju 2012 – Lukanda Dolmen, Qawra'.

2.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Lecturer, European Centre for Gerontology fl-Universita' ta' Malta fejn qed jinforma li l-European Representation f' Malta ser torganizza Book Launch 'Lifelong Learning in Later Life: A Handbook on Older Adult Learning', fis-27 t' April 2012, fil-European Commission Representation, Dar l-Ewropa, Valletta.

2.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Ħlas lill-Kummissarji għall-Ġustizzja'.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward 'Laqgħa dwar enerġija alternattiva ġewwa Għawdex' bejn il-Ministeru għal Għawdex, il-Kumitat Reġjonali u Rappreżentanti mill-Vieghofer Windmanagement GmbH/ tal-Awstrija, fis-26 t' April 2012 ġewwa l-Ministeru għal Għawdex.

2.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mibgħut mill-Planning and Priorities Co-ordination Division rigward 'Updates to the Visual Identity Guidelines for Operation Programme I jew Operation Programme II – April 2012'.

2.23 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand Transport Malta għal *Consultation Meeting* dwar 'National Speed Management Policy', fil-11 ta' Mejju 2012 fit-Tiġrija Palazz Function Room, Victoria, Għawdex.

2.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-WasteServ Malta Ltd. rigward 'Daily Waste Collection'.

2.25 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Bord ta' Gvernanza Lokali – Avviż Legali Numru 63 tal-2010 / Kodiċi ta' Etika għar-Rappreżentanti Eletti tal-Gvern Lokali'.

2.26 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-*Managing Director*, Cyberspace Solutions Ltd. rigward il-proġett 'Malta with Kids'.

2.27 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEPA rigward diversi laqgħat ta' informazzjoni li ser torganizza dwar is-sistema ġdida tal-*Mapserver* u fejn ser terġa' tispjega l-użu tas-sistema *online* tal-*E-Applications*.

2.28 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-Monitoring Committee member MED Programme tas-Slovenia rigward 'MED Programme Objective 2.2: promotion of renewable energies and improvement of energy efficiency leading to a more sustainable territorial development'.

2.29 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-'Youth in Action Project – Call for the selection of six youth participants'.

2.30 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Laqgħat ta' Informazzjoni – Insaħħu l-Gvern Lokali'.

2.31 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Ministru għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negozji Żgħar u l-Konsumatur rigward sensiela ta' laqgħat 'Irrid Nisimgħek', li ser jiġu organizzati.

2.32 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Military and Hospitaller Order of Saint Lazarus of Jerusalem – Commandery of Gozo rigward il-Grand Charity Ball, fit-2 ta' Ġunju 2012 fil-Grand Hotel, Imġarr, Għawdex.

2.33 Il-Kunsill irċieva mingħand il-*Managing Director*, Smart Light Systems Co. Ltd. fejn introduċew il-Kumpanija tagħhom u s-servizzi li joffru.

2.34 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward *Seminar* dwar l-enerġija u t-tibdil fil-Klima (Patt tas-Sindki) u *tour* fuq il-Malta Trade Fair mal-i*stands* ta' esibituri li jfornu servizzi/prodotti tal-enerġija u prodotti oħrajn ta' interess lill-Kunsilli Lokali, fis-7 ta' Lulju 2012.

2.35 Il-Kunsill irċieva mingħand ir-Reġjun Għawdex il-Minuti tal-Laqgħa Nru. RGĦ 19/12 li saret fil-25 t' April 2012 u l-Aġenda ta' l-20 laqgħa ta' dan ir-Reġjun.

2.36 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali l-Minuti tal-Laqgħa għas-Sindki u l-Viċi-Sindki ta' l-20 u 21 ta' Mejju 2012.

2.37 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand iċ-*Chairperson*, Widien Artna sabiex il-Kunsill jattendi għall-Konferenza ta' Nofs ta' Nhar, fis-26 ta' Mejju 2012 fl-Ewropa House, Valletta.

2.38 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Ministeru għal Għawdex rigward is-SIMBIOTIC Stakeholder Meeting, fis-26 ta' Mejju 2012.

2.39 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward 'Pre-announcement Resource Efficiency Projects to be co-financed by European Regional Development Fund (ERDF)'.

2.40 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward Laqgħa ta' Informazzjoni mill-PPCD, fit-28 ta' Mejju 2012 dwar sejħa ta' l-ERDF li titratta Priority Axis 4: Climate Change & Resource Efficiency.

2.41 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-*Policy Co-ordinator* tal-Kultura fil-Ministeru għat-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura rigward 'Strateġija Nazzjonali għall-Patrimonju Kulturali 2012-2017 – Proċess ta' Konsultazzjoni'.

2.42 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex b' korrispondenza li għaddiet bejnu u Transport Malta rigward il-laqgħa ta' Konsultazzjoni dwar in-*National Speed Management Policy* li saret ġewwa Għawdex, fil-11 ta' Mejju 2012 u l-*link* tal-preżentazzjoni kollha illi intwerew waqt din il-laqgħa.

2.43 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Diżabilita' sabiex il-Kunsill jattendi għal-'Laqgħa ta' Informazzjoni dwar Aċċess għal Kulħadd', fl-20 ta' Ġunju 2012.

2.44 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Dipartiment tal-Bijoloġija fl-Universita' ta' Malta rigward 'Local Councils are called to contribute to the International CIESM Jellyfish Blooms Watch Programme'.

2.45 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward 'Information Seminar: eSkills for Employment and Growth', fis-6 ta' Ġunju 2012 fil-MITA, Santa Venera.

2.46 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward il-Konferenza Nazzjonali 'Għawdex: Gżira–Reġjun fl-Unjoni Ewropea', fit-12 ta' Ġunju 2012 fil-Grand Hotel, l-Imġarr, Għawdex.

2.47 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL) rigward 'PPCD Energy Call 2012' u l-applikazzjoni li l-AKL ser tagħmel f' isem il-Kunsilli Lokali sabiex jitwettqu proġetti dwar l-enerġija u tibdil fil-klima skont din is-sejħa.

2.48 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-*Chairman* tal-MEPA fejn, sabiex tiġi msaħħa r-relazzjoni ta' bejn l-Awtorita' u l-Kunsill, qed joffri li ssir laqgħa mal-Kunsill biex jiġu diskussi l-isfidi u l-problemi li l-Kunsill isib fil-lokalita' li huma relatati mal-ambjent u l-ippjanar.

2.49 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari (2/12) mingħand il-MEPA li jitratta dwar 'Dealing with Post Decision Requirements'.

2.50 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEPA rigward 'Break Time – from excavation & demolition works'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva talba mingħand Kumpanija tal-*films* fejn qed titlob permess mingħand il-Kunsill sabiex jiġu pparkjati l-vetturi fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi peress li ser jinġibdu xi xeni fil-Wied tal-Kantra. Huma offrew donazzjoni ta' €100 sabiex imorru għar-restawr tat-Torri tax-Xlendi.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kav. Joe M Attard rigward ktieb li għadu kemm ippubblika dwar poeżiji li huwa kiteb matul iż-żmienijiet. Dan il-ktieb jiswa €8 u qed jitlob lill-Kunsill sabiex jixtri xi kopji għal-Librerija jew inkella għal xi okkażjoni oħra. Ġie deċiż li l-Kunsill jixtri żewġ kotba.

3.03 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand sid ta' għelieqi fi Triq ix-Xlendi. Huwa qed jilmenta dwar *gate* li tpoġġiet f' mogħdija minn Ta' Kerċem għax-Xlendi li minħabba din il-*gate* ma jistax jgħaddi bl-ilma għal ġo l-għelieqi tiegħu. Qed jilmenta wkoll li parti minn dan il-passaġġ sar għalqa u l-parti l-oħra ġiet imħammġa biz-zkuk tas-siġar. Qed jitlob li din il-*gate* titneħħa urġenti għax qed issir ħsara lill-prodotti ta' l-għelieqi tiegħu. Ġie deċiż li dan l-ilment jiġi rreferut lid-Dipartiment Proprjeta' tal-Gvern.

3.04 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand residenta fil-Munxar. Din qed tilmenta li meta Triq San Xmun tkun magħluqa, r-rotta ta' l-Arriva ma ssirx u l-pubbliku ma jkunx ġie informat b' dan it-tibdil. B' hekk dawn joqogħdu jistennew fuq il-*Bus Stop* għal xejn bil-konsegwenza li jaslu tard għax-xogħol jew xi appuntamenti oħra. Mill-banda l-oħra meta jkunu telgħin mix-Xlendi jkollhom jinżlu nofs triq u jimxu l-bqija tat-triq. Il-Kunsill qed jifhem din il-problema u ser issir talba lill-Arriva sabiex jitwaħħlu karti fuq kull *Bus Stop* sabiex il-pubbliku jkun informat li ma hijiex ser tgħaddi tal-linja.

3.05 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand persuna mir-Rabat, Għawdex fejn qed jitlob sabiex is-slielem tal-baħar jitwaħħlu mingħajr aktar dewmien peress li issa l-istaġun tal-baħar daħal sew. Qed ikun hemm ħafna tgergir minħabba n-nuqqas ta' slielem.

3.06 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident ta' Triq ir-Rumani, Ix-Xlendi. Huwa qed jilmenta li Triq ir-Rumani ilha magħluqa għal dawn l-aħħar 5 ijiem u l-aċċess ma huwiex *safe* peress li hu perikoluż għax biex tgħaddi l-ħajt maqlugħ u wiċċ it-triq hija maqlugħa peress li fix-Xitwa kien għadda l-wied. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ma huwiex jagħti permess sabiex Triq ir-Rumani tingħalaq qabel ma jkun hemm ftehim bejn il-Kuntrattur u r-residenti ta' din it-triq.

3.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 21/2010 – Skema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar. Il-Kunsill ġie informat li peress li s'issa x-xogħol għadu mhux lest, ser ningħataw estenzjoni għal darba waħda biss, sal-31 ta' Diċembru 2012. Jekk sa din il-ġurnata l-Kunsill ikun għadu ma lestiex ix-xogħol u ma bagħtniex id-dokumentazzjoni mitluba ser ikollna l-flus allokati kif kien stabbilit irtirati.

3.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* u ritratt mingħand sid ta' għalqa fi Triq Ras il-Bajjada. Sena ilu kien għamel rapport li ħajt ta' taħt it-triq prinċipali ċeda u huwa perikoluż. Sena ilu l-Kunsill kien irrefera dan il-każ lid-Dipartiment Proġetti u Żvilupp u issa kien ser jirreferi dan il-każ lit-Taqsima tas-CMU.

3.09 Il-Kunsill irċieva proposta mingħand il-Kumpanija Malta Now Ltd. rigward *ashtrays* fil-lokalita'. Din il-proposta qed issir lill-Kunsilli kollha t' Għawdex fejn qed jintalbu jħallsu s-somma ta' €1,165 sabiex jiġu magħmula 5 *ashtrays* biex jitwaħħlu ma' *Lamp posts* jew ma' oġġetti simili. Il-Kunsill qed jara din il-proposta bħala waħda għolja u ma huwiex ser jaċċetta.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 06/12(26_06_12).

Il-ħin kien id-8.45 ta' filgħaxija u ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata għat-2 ta' Lulju 2012 fil-5.00 ta' filgħaxija sabiex titkompla l-istess Aġenda.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |